MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 22/2025-9**

**It-Tlieta, 21 t'Ottubru 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsillier Nicky Saliba ma jistax jattendi b'apoloġija.

22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 20/2025-9 u 21/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

22.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

22.2.3 Il-Kunsilliera, Marlene Cini talbet sabiex isiru xi korrezzjonijiet minn minuti nru. 20/2025-9. F'minuta 20.4.1.4 tiżdied 'Il-membri qablu' u f'minuta20.4.1.5 tiżdied 'Il-Kunsilliera Marlene Cini astjeniet minn din id-deċizjoni'. Il-membri qablu li jsiru dawn il-korrezzjonijiet u għalhekk Minuti nru. 20/2025-9 u 21/2025-9 ġew approvati skond il-korrezzjonijiet u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill reġa kiseb fondi mid-DLG għal attivitajiet tal-Milied -Piccole Luci, Natale sul Colle. Informa lil membri li ser ikun qed isir programm sħiħ u l-Kunsill ser ikun qed jinvolvi lil għaqdiet kollha. Kompla jgħid li t-tqassim tar-rigali minn Father Christmas ser ikun qed isir fl-24 ta' Diċembru. Propona wkoll sabiex jinxtara presepju għal Ġnien iż-Żebbuġ u xi affarijiet relatati mal-Milied li jibqgħu jintużaw minn sena għal oħra. Il-membri qablu. Talab ukoll sabiex il-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni ma' l-FSWS sabiex issir attivita' għal familji f'Marsalforn. Il-membri qablu.

22.3.2 Is-Sindku nforma lil membri li ħarġet skema minn TM fejn il-Kunsill jista' japplika għal fondi sabiex jagħmel bike lanes jew proġetti simili. Is-Sindku għandu jagħmel aktar verifika fuq din l-iskema u l-membri qablu li filkas din l-applikazzjoni tiġi mimlija minn Marnol Sultana.

22.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex titranġa is-central strip li hemm quddiem Ħal Sagħtrija fejn din tiġi mżejna bi qsari, fanali, bankijiet etc.

22.3.3 Propona u l-membri qablu li tiġi organizzata ħarġa għal anzjani fi żmien il-Milied kif ukoll xi *meet up* b'xi talks fil-Każin tal-Banda.

22.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li peress li l-period contracts li għandu preżenti l-Kunsill ser jagħlu, jinħarġu żewġ offerti, waħda għal provista' ta' konkos u oħra għal bini ta' ħitan. Il-membri qbalu.

**22.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

22.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

22.4.1.1 Il-Viċi Sindku oġġezzjona għal fatt illi l-kuntrattur li kellu jibda' il-kisi tal-Cul de Sac fi Triq il-Ponta, minkejja illi ffirma l-kuntratt f'Marzu li għadda, baqa' ma għamilx ix-xogħol. Wara diskussjoni, l-membri qablu illi għandha tintbgħat korrispondenza bil-miktub lil Kuntrattur sabiex ix-xogħol jibda' fi żmien 15-il ġurnata. Qablu wkoll li jekk ix-xogħol ma jinbediex fi żmien stipulat, il-Kunsill għandu jwaqqa' l-offerta.

22.4.1.2 Ġibed l-attenzjoni sabiex isiru it-3 tarġiet ta' l-istainless steel li kien talab f'laqgħa oħra quddiem il-Horizon Restaurant sabiex in-nies ikollhom aċċess għal baħar.

22.4.1.3 Talab sabiex jingħata bidu għat-tindif tal-garaxxijiet ta' taħt Triq l-Imgħallem. Il-membri qablu li għandhom jinġabru 3 stimi għal dan ix-xogħol.

22.4.1.4 Talab sabiex fi Triq Sagħtrija, jintela' il-gandott li hemm taħt il-ħajt bil-konkos. Il-membri qablu.

22.4.1.5 Talab sabiex flimkien l-Għaqda tan-Nar Marija Assunta u l-Kunsill Lokali jorganizzaw il-Festa' Ta' San Fortunatu. Il-membri qablu ma dan sakemm il-Kunsill ma joħroġx aktar minn €500.

22.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

22.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott Cini proponiet sabiex it-trasport ta' l-iskola Sekondarja jibda' jgħaddi mis-Sagħtrija minħabba l-istudenti li jgħixu f'dawk in-naħħat. Is-Sindku nfurmha illi l-Kunsill diġà prova jagħmel dan iżda billi l-*coach* ta' l-iskola akbar mill-bus tat-trasport pubbliku, din ma tkunx tista' ddur.

22.4.2.2 Proponiet u l-membri qablu sabiex il-Kunsill jgħin fil-loġistika u t-traffic managment meta l-Arċipriet il-ġdid jingħata l-pussess. Qablu wkoll li għandu jinxtara rigal li jingħata f'isem il-Kunsill għal okkażżjoni.

22.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

22.4.3.1 Il-Kunsillier Mario Portelli informa lil membri li l-imwejjed inxtraw u talab sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill jiżbgħuhom. Il-membri qablu.

22.4.3.2 Rigward l-*in situ visit* mill-Perit tal-Kunsill minħabba Sqaq Għażżiela, fakkar sabiex il-Perit jitla' mill-aktar fis possibbli biex tissolva il-problema ta' l-ilma peress li r-residenti ma jkunux jistgħu jidħlu fi djarhom. Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu li għandu jsir gutter biex tittaffa din il-problema.

22.5 Ħatra ta' *Finance Committee* fi ħdan il-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Kunsill hu obbligat illi jaħtar *Finance Committee* peress li għandu FSI -10%. Wara diskussjoni il-membri qablu li l-Kumitat għandu jkun kompost minn: Baskal Saliba, Dott Marlene Cini, Mario Portelli, Odette Camilleri u l-accountant tal-Kunsill Daniel Galea.

22.6 Sejħa għal *Council Assistant/Front Office*

Is-Sindku nforma lil membri illi wara li saru l-intervisti ma min wera' interess illi joffri is-servizz tiegħu għat-tmexxija tas-Sub Post Office, dik li ġiet mgħażula ma aċċettatx il-post vakanti peress li ma kellhiex benefiċċji.

Il-membri qablu illi sakemm ma jinstabx xi ħaddieħor li jmexxi s-Sub Post Office, ix-xogħol għandu jitmexxa mill-ħaddiema kollha li hemm fl-uffiċċju tal-Kunsill mingħajr ma ebda pretenzjoni ta' ħlas żejjed. Għaldaqstant kien hemm qbil ukoll illi din li ġiet mgħażula tiġi offruta €12 is-siegħa minflok €10.

Qablu wkoll illi x-xogħol tal-*front office* ma għandhux jitmexxa biss mill-*Clerical Officer* però' jinqasam flimkien ma' l-*Administration Officer II.*

22.7 Materji Oħra

22.7.1 Is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku nfurmaw lil membri li nġibdet l-attenzjoni tagħhom rigward il-grawnd tal-futbol li hemm f'Għajn Mhelhel. Dan ġie mwelli lil terzi għal Air Soft Sport bil-konsegwenza li imlewh b'ħafna imbarazz. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jkellem lil Kumitat tal-futbol sabiex jirregolaw ruħhom u jiżgombraw. Il-Viċi Sindku kompla jgħid illi z-Zebbuġ Rovers għandhom jagħmlu investiment xieraq favur l-ambjent f'dan il-grawnd.

22.7.2 Talba mingħand C Vella sabiex jinbena ħajt ta' żewġ filati ma għalqa fi Triq is-Salini. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

22.7.3 Rigward il-WebCam ta' Marsalforn li ilha ma taħdimx. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li tkellmet mal-Calypso Hotel u t-technician għandu jiċċekkja jekk inqatax xi wire. Kompliet tgħid li għamlet ukoll rapport fuq is-sistema tal-Webcam.

22.7.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li r-Reġjun t'Għawdex flimkien mas-Seminarju Minuri ser ikun qed jorganizza ħarġiet għal istudenti f'lokalitajiet differenti. Talbu lil Kunsilli sabiex jipprovdu t-trasport. Il-membri ma qablux ma dan peress li r-Reġjun għandu jipprovdi t-trasport la qed tiġi organizzata minnu.

22.7.5 Sabiex il-Kunsill jibda' jnaqqas mill-ispejjes tiegħu, s-Segretarju Eżekuttiv talbet il-veduti tal-membri jekk il-Kunsill jimxi bl-uffiċċini amministrattivi tiegħu fil-binja li hemm fil-Pjazza. Il-membri qablu li għandhom jinġabru stimi għat-tiswija tas-saqaf li hemm fil-kamra ta' fuq u jiġġedded biss għalissa l-kuntratt ta' l-istores.

22.7.6 Email mingħand SB Baker resident minn Triq Għajn Mhelhel sabiex jitneħħa tructor li qed ikun ipparkjat fl-istess triq. Il-membri ma ħadux deċiżjoni f'dan ir-rigward peress li l-Kunsill mhux l-awtorita' kompetenti.

22.7.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Kunsill ġie mħarrek minn Projekte Global Ltd sabiex jidher fil-Qorti t'Għawdex nhar is-7 ta' Novembru 2025 u dan minħabba l-bilanċ ta' pagament pendenti dovut lil din il-kumpanija. Wara diskussjoni l-membri qablu li għandhom jidhru għal Kunsill l-Avukati Jonathan Mintoff u Chris Said.

22.7.8 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva email mingħand l-Av. Daniel Calleja rigward ħsara li ġarbet karozza. Zokk ta' siġra fil-parkeġġ ta' Marsalforn waqa' fuq il-windscreen tal-karozza. Din il-ħsara tammonta' għal €500. Il-membri qablu illi l-Avukat Mario Scerri għandu jibgħat risposta lil Avukat Calleja li l-parkeġġ ma jaqax taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill.

22.7.9 Talba għal kumpens ta' €80 lil Joseph Cini fejn informa lil Kunsill li ġarrab ħsarat fit-tyre tal-karozza minħabba ħadida maqtugħa fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha tivverifka fejn hi din il-ħadida attwalment u jingħata kumpens.

22.7.10 Talba minn kuntrattur sabiex Bozza Nru 253 li hemm imwaħħla mal-Crystal Palace titneħħa sabiex ikunu jistgħu jwaqqgħu u jibnu. Il-membri qablu li din it-talba għandha ssir lir-Reġjun t'Għawdex peress li dawn id-dwal jaqgħu taħt ir-responsabilita' tagħhom.

22.7.11 Ilment M17/25 – V Xerri talbet sabiex teħel tabella fil-kaxxa tal-muturi li hemm fi Triq id-Duluri. Il-membri qablu.

22.7.12 Talba mingħand residenta anzjana E Scovil sabiex isir rampa/tarġa mal-bankina sabiex tkun tista' titla' fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jingħata priorita'.

22.7.13 Talba minn diversi residenti anzjani li joqgħodu fi Triq Santa Marija fejn talbu lil Kunsill sabiex jwaħħal railing mat-taraġ li jagħti għal Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li dan ir-railing jeħel fin-nofs u jsir ta' l-istainless steel. Fuq proposta tal-Viċi Sindku, l-membri qablu li dan it-taraġ għandu jinkesa' bil-porfido waqt li l-ħajt jibda' jinkesa bil-mużajk.

22.7.14 Is-Seg. Eżekuttiv issottomettiet il-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied f'Marsalforn. Il-membri qablu li dan it-tiżjin għandu jsir minn D Street Lighting.

22.7.15 Talba mill-Iskola Primarja sabiex il-Kunsill jorganizza l-Festa ta' San Martin lit-tfal u l-film fi żmien il-Milied. Il-membri qablu.

22.7.16 Talba mingħand R Vella sabiex jitwaħħlu 2 CCTV's waħda fid-dry standing area fil-Qbajjar u l-oħra fid-dry standing area tax-Xwejni peress li qed jinsterqu xi affarijiet minn ġod-dgħajes. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jara jekk xi ħadd iħalliehx jieħu d-dawl mingħandu biex jitwaħħlu dawn il-cameras.

22.7.17 Talba sabiex jeħlu tabelli fi Triq Ħabel it-Twil li tieħdok għal Triq Tuttiet li jindikaw li hemm telgħa wieqfa u dan peress li l-Google Maps qed tgħaddi lin-nies minn din it-triq. Il-membri qablu.

22.7.18 Il-membri ġew infurmati li Ludvic Saliba ser ikun qed jagħmel il-proġett tas-Systems of Knowledge mal-Kunsill. Qablu ukoll unanimament li dan għandu jkun il-Youth Ambassador tal-Kunsill.

**22.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 16/2025 għall-perjodu t'Ottubru 2025 li tammonta għal €92,468.54 ġiet approvata mill-membri preżenti .

**22.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.55 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2025 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv